MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1925/2003

**Helga Muscat**

**vs**

**Ruben Bartolo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm456.00) rapprezentanti rifuzjoni ta' flus imhallsa mill-attrici lill-konvenut wara diversi rapprezentazzjonijiet foloz li huwa ghamel lill-attrici senjatament in konnessjoni ma korsijiet mizmuma taht l-awtorita' tal-konvenut f"T*he School of Complementary Health Therapies* f'Pjazza Repubblika, Zejtun liema korsijiet iwasslu ghal diploma f'*Massage Therapy*.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tad-29 ta' Mejju 2003 u tal-1 ta' Lulju 2003 u bl-imghaxijiet skond il-

ligi sad-data tal-pagament effettiv, lkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi t-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt ghad li ma kien hemm ebda misrapprezentazzjoni kif allegat, anzi l-attrici inghatat is-servizz li gie miftiehem maghha u li ghalih hallset.

Sema' x-xhieda tal-attrici, ta' Cristina Said Battistino, u ta' Joe Grima. Ha konjizzjoni tal-affidavits ta' Beryl Farrugia u ta' Josephine Refalo, kif ukoll tad-dokumenti esebiti mill-parrtijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mill-attrici fil-kawza odjerna jirrigwarda rifuzjoni ta' somma li hiija hallset lill-konvenut sabiex tattendi kors fl-iskola minnu gestita bl-isem ta' *Complementary Health Services* liema kors kien iwassal sabiex hija tottjeni diploma fil-*Massage Therapy*. L-attrici l-ewwel ghamlet kors baziku u mbaghad kompliet sabiex taghmel *course* avvanzat. Mill-provi rrizulta li hija ma komplietx il-*course* u ghalhekk ma nghatatx diploma. Hija qed titlob ir-riifuzjoni tal-ammont minnha mhallas lill-konvenut stante li ssostni li sarulha diversi rapprezentazzjonijiet foloz mill-konvenut dwar il-*course* u dwar id-diploma li kienet ser tinghata fl-ahhar tal-*course*. Dawn ir-rapprezentazzjonijiet foloz fis-succint kienu s-segwenti:-

1. Hija ma nghatatx *prospectus* bil-miktub u ghalhekk kienet taht l-impressjoni li kienu ser ikopru certu affarijiet bhal *sports medicine*, li fil-fatt ma koprewx.

2. Il-kwalita' tal-*lectures* ma kienitx dik minnha mistennija u dan peress li l;-lezzjonijiet kienu jdumu anqas minnn erba' sieghat u ma nghatawx kollha mill-konvenut

izda kien hemm xi *lectures* li nghataw minn persuni li ma kienux kwalifikati.

3. L-attrici ssostni wkoll li l-konvenut kien specifikalha li d-Diploma fl-ahhar tal-kors kellha tinhareg mill-British Complementary Medicine Association u mhux mill-iskola minnu gestita.

4. l-iskola gestita mill-konvenut ma kienitx assovjata jew tifforma parti mill-British Complementary Medicine Association kif intqal lilha mill-konvenut u l-istess skola ma kienitxx registrata bhala skola mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Fil-fehma tat-Tribunal l-attrici ma pruvatx soddisfacentement li kien hemm ir-apprezentazzjonijiet foloz minnha alllegati u elenkati fil-paragrafu precedenti. In kwantu jirrigwarda l-ewwel ilment hawn fuq elenkat il-konvenut esebixxa kopja tal-*prospectus* moghti lill-istudenti fil-bidu tal-kors (a fol. 83 et seq. tal-process) u f'dan il-*prospectus* ma hemm ebda referenza ghal *sports medicine* kif tallega l-attrici. L-unika xhud prodotta mill-istess attrici, Cristina Said Battistino, ikkonfermat li fil-bidu tal-*course* huma inghataw dan il-*prospectus*. B'riferenza ghat-tieni ilment imressaq mill-attrici l-imsemmija xhud qalet li il-kwalita' tal-lectures lilhom moghtija waqt il-*course* kienet tajba u spjegat li r-raguni li hija kellha tabbanduna l-*course* kien minhabba l-fatt li data ta' ezami partikolari giet mibdula u hija ma kellhiex cans taghmel revizjoni u anki ghaliex certu lezzjonijiet li kienu programmati li jsiru filghaxija inbidlu u bdew isiru filghoodu. L-attrici ma ressqet ebda prova li kienet tindika li l-lezzjonijiet kellhom idumu erba' sieghat, li l-lezzjonijiet kollha kellhom jinghataw mill-konvenut jew li l-persuni l-ohra li taw uhud mill-lectures ma kienux kwalifikati.

In kwantu jirrigwarda l-assocjazzjoni tal-iskola gestita mill-konvenut mal-British Complementary Medicine Association, l-istess assocjazzjoni giet ampjament pruvata mill-konvenut permezz tad-dokumenti esebiti a fol. 88 et seq. tal-process. Mill-imsemmija dokumenti jirrizulta li l-iskola gestita mil-konvenut, u cioe' Complementary Health

Services, hija membru tar-Register of European Member Organisations assocjati mal-British Complementary Medicine Association. Inoltre ic-certifikati mahruga mill-Complementary Health Services huma wkoll intestati bl-isem tal-British Complementary Medicine Association (ara dokument a fol. 38 tal-process liema dookument gie rilaxxjat lill-attrici meta hija tterminat *il-basic course*). Meta gie rilaxxjat ic-certifikat esebit a fol. 38 tal-process l-attrici zgur li kienet a konoxxenza tal-mod kif jinhargu c-certidikati mill-iskola gestita mill-konvenut u jekk hija kellha xi dubju messha ghamlet il-verifiki f'dak l-istadju, u cioe' qabel ma hallset biex tkompli il-course avvanzat kif fil-fatt ghamlet. It-Tribunal jidhirlu li l-attrici bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova li l-konvenut kien qalilha li c-certifikat finali kien ser jinhareg direttament mill-British Complementary Medicine Association.. il-fatt li hija setghat presumiet dan m'hijiex bizzejjed biex jista' jinghad li saritilha xi rapprezentazzjoni falza da parti tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------